# Folklore Malti

*Ta'* A. Cremona

## FDAL U QWIEL QODMA FIL-HRAFA TA' JANNAR, FRAR U MARZU

GHALKEMM bosta qwiel Maltin fil-Folklore tat-Temp u tal-Biedja jixbhu ħafna lil qwiel oħra fl-artijiet ta' l-ixtut tal-Mediterran Ewropew, l-iktar fi Sqallija, għad għandna xi qwiel li fadlilhom xi ħjiel ta' nisel Semitiku u li ġejjin minn xi ħrafa jew ħrejjef qodma li għadhom ma mitux jew li għadhom f'ħalq il-poplu bħala fdal ta' tradizzjoni leġġendarja qadima li mal-mogħdija taż-żmien tħalltet ma' oħrajn taż-Żmenijiet tan-Nofs.

Fil-qwiel Maltin, li jsemmu lix-xahar ta' Jannar bħala xahar l-iktar aħrax u qalil għall-bard li jagħmel, insibu mera tagħhom f'diversi qwiel fi Sqallija u fl-Italja u f'pajjiżi oħra ta' l-Ewropa. Il-vrejjes Maltin : *Jannar għalaq in-ngħaġ fil-għar*, fil-ħalq ta' xi ħadd tismagħhom hekk : *Jannar għarraq in-ngħaġ fil-għar*, vrejjes li fil-waqt li juru t-tempijiet qliel f'Jannar f'Malta juru wkoll rabta tradizzjonali f'xi ħrafa li għandha x'taqsam mal-ħajja tar-raħħala u tal-bdiewa f'dak ix-xahar (1).

Ir-rabta ta' dawn il-vrejjes hija, kif dlonk tidher, ma' ħrafa Maltija li nsibuha wkoll b'xi tibdil fix-xahar u fil-ġrajja f'xi pajjiżi oħra sew ta' l-inħawi ta' Nofs in-Nhar kemm ta' l-inħawi tat-Tramuntana ta' l-Ewropa. Għall-ewwel tidher li din il-ħrafa u sħabha huma ta' sensiela waħda, iżda xi ħrafa oħra ta' l-artijiet tal-Palestina, li għandha xebh magħhom, u l-iktar ma' xi qawl qadim tradizzjonali tagħna, turina li l-ħrafa Maltija għandha nisel wisq iżjed qadim u maż-żmien tħalltet ma' oħrajn fil-pajjiżi ta' l-Ewropa.

Il-vrejjes tal-ħrafa Maltija : "*Qożżot, qożżot għalik, Jannar, / Għaddejt bil-bard bla xita; / U ħallejtni bil-bard fil-għar*", ifakkruna fuq dak ir-raħħal li ħadha ma' Jannar u gemgem għaliex dan ix-xahar ma għamelx ħlief bard, u xita xejn, u minħabba f'hekk kellu jżomm il-merħla tiegħu ġewwa l-għar. Fuq hekk Jannar għadab u ssellef jumejn minn għand ħuh Frar, li kien

(1) Ara: *Weather and Husbandry Lore in the Isles of Malta*, A. Cremona, Archivum Melitense. Vol. VI, paġ. 16-17.

magħruf bħala xahar l-iktar milwiem. Jannar fl-aħħar jiem tiegħu wera snienu u fetaħ bwieb is-sema u għarraq lil dak ir-raħħal bin-ngħaġ tiegħu ġewwa l-għar.

Ħrejjef oħra li jixbhu xi ftit 'il hawn u 'l hinn lil tagħna nsibuhom fi Sqallija; Marzu li wara li ssellef ġurnata minn għand April igħarraq bl-ilma lil waħda xiħa li, imħajra minn Marzu, raqdet fuq il-kanal ta' l-ilma sabiex tiżżewġu (2); Marzu li qatel xiħa bin-ngħaġ tagħha taħt xita qalila ta' silġ għax meta kien għoddu spiċċa beżqitlu u qaltlu: "Barra, ja Marzu, kelb li int" (3); Marzu li talab lil April tlitt ijiem kesħa u maltemp qalil (4). Patri Manwel Magri f'"X'Jgħid il-Malti jew l'Għerf bla mictub tal Maltin" (5) isemmi l-ħrafa ta' l-art ta' Moab (fil-Lvant tal-Baħar il-Mejjet fil-Palestina) li tagħha fil-Malti għad għandna xi fdalijiet. Din il-ħrafa tfakkarna fuq dik l-għaġuża "li bdiet tisħet ix-xahar ta' Xbat (Frar) għax dan ma għamilx xita u qaltlu, biex tiddieħak: "*Għadda xbat, għaddiet xbubitu / Ma ħax la għaniqa u la omm il-għonoq*". Xbat telagħlu, bagħat riħ u xita tal-biża' li ġarru lil dik il-għaġuża". "F'dawk l-inħawi", jissokta jgħid Patri Magri, "hemm min igħidha hekk: Darba x-xahar ta' Xbat għadda mingħajr ma ġieb xita. L-art bil-għatx, il-mergħa ma nibtetx, ir-rebbiegħa ma bdietx. L-għaġuża għajret lil Xbat u qaltlu: *Ja Xbat ħabbât, ma mejjiltx il-għamuda, / U ma qtiltx il-għaġuża*". Xbat, meta sama' dan, qal lix-xahar ta' Edar (Marzu): "Smajt x'tinki l-għaġuża? — Ma tislifnix tlitt ijiem? — Immur f'tarf ix-xagħri, infittex ix-xita u nħallasha" — "Huma f'idejk," wieġbu Edar.

"Xbat jitlaq għax-xagħra l-kbira jiġbor ir-riħ, iġamma' raff sħab fuq ieħor, jonfoħhom bix-xita u jinxteħet bil-herra fuq il-għarix tal-għaġuża. Is-sema jfaqqa' f'daqqa ta' għajn; il-għewied tal-għarix jitfarrku; il-għamara ġġorrha l-ħamla; l-għaġuża tegħreq."

Naraw li fil-ħrejjef ta' Sqallija l-personifikazzjoni tax-xahar huwa Marzu li jissellef minn għand April, fil-waqt li fil-ħrafa li

(2) Ara G. Pitrè. Fiabe e Leggende. "*Marzu e la Vecchia*". Nru. cxxxvi.
(3) Ara G. Pitrè. Fiabe e Leggende. "*Marzu si fici 'mpristari tri jorna d'Aprili*".
(4) Ara G. Pitrè. Fiabe e Leggende. "Marzu" (Girgenti) paġ. 418.
(5) Patri Manwel Magri. "X'Jgħid il Malti jeu l'Għerf bla mictub tal Maltin". Malta, Stamp. tas-Salesjani, 1925. paġ. 162-163.

jgħidilna Patri Magri, imnissla mill-art ta' Moab (il-lum Karrak) il-personifikazzjoni tax-xahar huwa Frar li jissellef minn għand Marzu. Iżda bejn il-ħrafa Maltija u dawk ta' Sqallija ma hemmx wisq xebh; iżda hemm xi daqsxejn iżjed bejn il-ħrafa Maltija u dik ta' Moab fejn iż-żewġ ħrejjef jitkellmu, waħda fuq ir-raħħal tan-ngħaġ li bil-bard u bla xita keilu jibqa' fil-għar imrekken mal-merħla u ħadha ma' Jannar, u l-oħra fuq il-għaġuża li seħtet ix-xahar ta' Frar għax ma għamlitx xita.

Il-personifikazzjoni tax-xahar ta' Jannar insibuha, iżda, fi ħrafa sardiniża ,fejn jingħad li wieħed raħħal fl-aħħar ġurnata ta' dan ix-xahar, kollu ferħan, jiddieħak b'Jannar għax għalkemm hedded bl-ewwel raxxa silġ li jeqridlu l-merħla għadda bla ma għamel ħsara. Jannar wieġbu billi ssellef jumejn minn għand ħuh Frar bil-patt li jroddhomlu u b'hekk qered lilu u l-merħla (6).

* * *

Minn din il-ħrafa li ġejja u li ġbart mill-ħrejjef tal-biedja fil-Palestina (*Qwiel tas-Sena tal-Bidwi*) (7) aħna naraw kemm ix-xebh bejn il-ħrejjef Maltin u dawk tradizzjonali mnisslin mill-Palestina huwa wisq iżjed fil-qrib minn dak ta' bejn il-ħrafa Maltija u dawk ta' Sqallija, għalkemm il-personifikazzjonijiet tax-xhur ma jaqblux.

Fil-Palestina l-aħħar ġranet ta' Frar u l-ewwel ġranet ta' Marzu huma magħrufin bħala ġranet ta' maltempijiet u xita qalila. Huma msemmijin "Il-Ġranet tas-Self". F'Artas' fil-Palestina (8) tingħad fuq hekk din il-ħrafa: "Il-mara x-xiħa (l-għaġuża) kienet qiegħda fil-wied tindokra n-ngħaġ u tagħżel is-suf. Kien qorob l-aħħar ta' Frar u xita kienet għamlet ftit. Il-bedwin kienu qalulha: "Itla' mill-wied għaliex tista' tagħmel ix-xita u tikinsek". Hija ma reditx tisma' u bdiet tiddieħak bix-xahar ta' Frar: "Ja Frar", qalet, "ja salvaġġ, dan għal fuq idejk" (*Ja Xbat el-laffat hada fi kaffak*) jiġifieri daqqa bl-imgħażel tagħha fuq idejh. Frar mgħaddab għajjat lil kuġinuh Marzu (*Adar; Idar*) u qallu: "Ja kuġin, għinni int, islifni tlieta mill-ġranet tiegħek tax-xita". Imbagħad tennielu: "Tletin minn tie-

---

(6) Ara G. Pitrè. Kif imsemmi fin-nota (4). Ara wkoll: Spano. *Proverbi sardi*. Ortoli. *"Il Pastore ed il mese di marzo"*, traduzzjoni tal-*"Contes popolaire de l'ile de Corse"*.

(7) *The Peasant's Year in Proverbs and Sayings*. G.M. Crowfoot, L. Baldensberger. 1932.

(8) Ara nota (7).

għek u erbgħa minn tiegħi; u aħna nġagħlu l-wied igħanni (*Telatan minnak u arbagħtan minni, u binħall el wadi jegħanni*). B'hekk Marzu silef lil Frar tlitt ijiem xita u dawn għarrqu 'l-wied u kinsu lix-xiħa bl-imgħażel u bin-ngħaġ tagħha dritt lejn il-Baħar il-Mejjet".

Hemm ħafna ħrejjef bħal dawn fil-Palestina li jvarjaw f'xi dettalji. Din ta' hawn taħt igħiduha f'Ġerusalemm: "Il-mara x-xiħa (l-għaġuża) kienet ferħana li Frar kien għoddu spiċċa għaliex kienet ħarqet l-injam tagħha kollu ħlief l-imkebba u l-imgħażel. Hija għajtet: "Mur, Frar, aħna nsawtuk bil-marżebba tal-ħasil (*Ruħ, ja Xubat, ħabbatnak bi muħbat*). Frar għadab u kien fadallu tlitt ijiem. Għalhekk hu sejjaħ lil kuġinuh Marzu u qallu: "Ja bin zijuwi, erbgħa minn tiegħek u tlieta minn tiegħi aħna għandna naħarqu l-imkebba tax-xiħa (*Ja ibn għammi arbagħtan minnak u telatan minni li neħraq lil għaġuż el lagħmi dulabha*). Marzu ta lil Frar erbat ijiem xita u x-xiħa ħarqet l-imkebba u l-imgħażel tagħha u b'dana kollu ma setgħetx tisħon. It-tielet ġurnata hija mietet bil-bard.

Din tax-xahar ta' Frar, li b'riħet Marzu jġagħal lix-xiħa taħraq l-imkebba u l-imgħażel tfakkarna fil-qawl Malti li fih insibu analoġija kbira ma' dak li jingħad f'din il-ħrafa—jiġifieri l-qawl Malti li jgħid: "Marzu, Marzellu, in-Nanna ħarqet il-moxt u r-rixtellu", li jfisser li sabiex tisħon ix-xiħa kellha saħansitra taħraq dawn l-oġġetti hekk meħtieġa tan-newl, bħalma Frar tal-ħrafa tal-Palestina ġagħal lix-xiha taħraq l-imkebba u l-imgħażel—l-iktar ħwejjeġ għeżież għaliha.

Ħrafa oħra bħal din fost il-Bedu jagħtihielna Père Jaussen. Din il-ħrafa tgħidilna li l-mara x-xiħa ddieħket bi Frar għax dan ma kellux ħila joqtolha jew għallinqas imejjillha l-għamuda (il-waqqafa tal-għarix tagħha). Frar jieħu għalih, jissellef tlitt ijiem minn għand Marzu u jqajjem maltemp hekk qawwi illi kines lix-xiħa bl-għarix b'kollox u għarraqha fil-ħamla kbira ta' l-ilma.

* * *

Ir-rabta li hemm bejn il-ħrejjef ta' Sqallija u dawk tal-Palestina hija iktar f'ċerti dettalji minn dik ta' bejn il-ħrafa Maltija (dik tar-raħħâl) u l-ħrejjef tal-Palestina; għaliex il-protagonista (jiġifieri x-xiħa jew l-għaġuża) jaqblu fil-ħrejjef ta' Sqallija u dawk tal-Palestina; iżda mbagħad il-ħrafa tradizzjonali ta' Moab, kif isemmihielna Patri Magri *bil-qwiel tagħha* minn fomm misserijietna jidher li għandha xebh hekk kbir mas-sisien tal-

ħrejjef ta' Artas u ta' Ġerusalemm u ma' dik li jsemmi Père Jaussen li waħda ma tistax tagħżilha mill-oħrajn ħlief fid-dettalji.

* * *

Il-ħrafa ta' Jannar, Frar u Marzu li sselfu l-ġranet insibuha b'diversi varjanti f'artijiet oħra tal-Mediterran u saħansitra fl-Ingilterra u fl-Iskozja.

Il-"*Ġranet il-Mislufin*" fil-Folklore Ingliż huma t-tlitt ijiem ta' Marzu u l-ewwel tlitt ijiem ta' April u jaqblu ma' dawk ta' Sqallija fil-waqt li fil-Palestina l-"*Ġranet il-Mislufin*" huma l-aħħar ġranet ta' Frar u l-ewwel ġranet ta' Marzu; f'Malta nsibu li dawn il-ġranet huma Jannar u Frar: Jannar li jissellef minn għandu ħuh Frar—fil-waqt imbagħad ukoll li Marzu (milli jidher imsemmi f'xi ħrafa tagħna, il-lum minsija u li tixbah lil dik ta' Artas u ta' Ġerusalemm) jidher li ssellef minn għand April biex iġagħal lin-Nanna taħraq il-moxt u r-rixtellu tan-newl, kif għadu jfakkarna l-qawl Malti li semmejna hawn fuq.

Fil-ħrejjef, iżda, tal-pajjiżi tan-Nord ir-rabta leġġendarja mhix hekk sħiħa bħal dik li hemm bejn il-ħrejjef ta' l-artijiet Ewropej tal-Mediterran u dawk tal-Palestina.

Dalman (9) isemmi illi dawn il-ħrejjef huma magħrufin fil-Greċja u f'Malta u li l-isem ta' dawn il-ħrejjef wasal sa l-artijiet tan-Nord.

Milli rajna iżda jidher, bħalma għidna qabel, xi fdal ta' qwiel u ta' dettalji fil-ħrejjef Maltin li semmejna juri l-qedem ta' dawn il-ħrejjef tagħna li tnisslu minn dawk ta' l-artijiet tas-Surija u mbagħad, mal-mogħdija taż-żmien, tħalltu ma' dawk ta' l-artijiet Ewropej tax-xtut tal-Mediterran.

---

(9) Dalman. "Arbeit und Sitte" paġ. 185.